SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

27 ta' April 2017*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi — Regolament (KE) Nru 1907/2006 (Regolament REACH) — Obbligu ġenerali ta' reġistrazzjoni u rekwiżiti tal-informazzjoni — Sustanzi kimiċi mhux irreġistrati — Esportazzjoni lil hinn mit-territorju tal-Unjoni Ewropea ta' Sustanzi kimiċi mhux irreġistrati"

Fil-Kawża C-535/15,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (qorti amministrattiva federali, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-10 ta' Settembru 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-14 ta' Ottubru 2015, fil-proċedura

Freie und Hansestadt Hamburg

vs

Jost Pinckernelle,

fil-preżenza ta':

Vertreter des Bundesinteresses beim Bundesverwaltungsgericht,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn L. Bay Larsen (Relatur), President tal-Awla, M. Vilaras, J. Malenovský, M. Safjan u D. Šváby, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Tanchev,

Reġistratur: K. Malacek, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-28 ta' Settembru 2016,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— Għall-Freie und Hansestadt Hamburg, minn M. Vogelsang, avukat,

— għal Pinckernelle, minn A. Anisic, avukat,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze u J. Möller kif ukoll minn Petersen, bħala aġenti,

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn M. Russo, avvocato dello Stato,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn T. Maxian Rusche u D. Kukovec, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-21 ta' Diċembru 2016,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU 2006, L 396, p. 1, u Rettifika ĠU 2007, L 136, p. 3, iktar 'il quddiem ir-"Regolament REACH").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn il-Freie und Hansestadt Hamburg, (il-belt libera u anseatika ta' Hamburg, il-Ġermanja, iktar 'il quddiem il-"belt ta' Hamburg", il-Ġermanja) u Jost Pinckernelle, dwar l-esportazzjoni barra mit-territorju tal-Unjoni Ewropea ta' sustanzi kimiċi li huma importaw mingħajr ma huma rreġistrati konformement, b'mod partikolari, mal-Artikolu 5 tar-Regolament REACH.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-premessi 1 sa 3 u 7 tar-Regolament REACH huma redatti kif ġej:

"(1) Dan ir-Regolament għandu jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u ta' l-ambjent kif ukoll il-moviment liberu ta' sustanzi, waħedhom, fi preparati u f'oġġetti, filwaqt li jiġu mtejba l-kompetittività u l-innovazzjoni.

(2) Il-funzjonament effiċjenti tas-suq intern tas-sustanzi jista' jinkiseb biss jekk ir-rekwiżiti għas-sustanzi ma jvarjawx b'mod sinifikattiv minn Stat Membru għal ieħor.

(3) Għandu jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u ta' l-ambjent fl-approssimazzjoni tal-leġislazzjoni dwar is-sustanzi, bil-għan li jinkiseb żvilupp sostenibbli Dik il-leġislazzjoni għandha tkun applikata b'mod non-diskriminatorju kemm jekk is-sustanzi jkunu kummerċjalizzati fis-suq intern kif ukoll jekk internazzjonalment skont l-impenji internazzjonali tal-Komunità.

[…]

(7) Sabiex tkun ippreżervata l-integrità tas-suq intern u sabiex ikun żgurat livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem, speċjalment is-saħħa tal-ħaddiema, u l-ambjent, jeħtieġ li jiġi żgurat li l-manifattura ta' sustanzi fil-Komunità tikkonforma mal-liġi Komunitarja, anke jekk dawk is-sustanzi jiġu esportati."

4 L-Artikolu 1(1) ta' dan ir-regolament intitolat "Suġġett u kamp ta' applikazzjoni", jipprevedi:

"L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u ta' l-ambjent, inkluża l-promozzjoni ta' metodi alternattivi għall-istima ta' perikli ta' sustanzi, kif ukoll il-moviment liberu tas-sustanzi fis-suq intern filwaqt li tittejjeb il-kompetittività u l-innovazzjoni."

5 L-Artikolu 2 tal-imsemmi regolament fil-paragrafu 7(a) tiegħu jipprevedi:

"Li ġejjin għandhom jiġu eżentati mit-Titoli II, V u VI:

[…]

(ċ) sustanzi waħedhom jew fi preparati, reġistrati skont it-Titolu II, esportati mill-Komunità minn attur fil-katina tal-provvista u importati mill-ġdid fil-Komunità mill-istess attur jew attur ieħor fl-istess katina tal-provvista li juri li:
(i) is-sustanza li qiegħda tiġi importata mill-ġdid tkun l-istess bħas-sustanza esportata;

[…]"

6 L-Artikolu 3 tar-Regolament REACH, intitolat "Definizzjonijiet", jipprevedi:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

[…]

9) 'manifattur': tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fil-Komunità li timmanifattura xi sustanza fil-Komunità;

10) 'importazzjoni': tfisser l-introduzzjoni fiżika fit-territorju doganali tal-Komunità;

11) 'importatur': tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fil-Komunità li tkun responabbli għall-importazzjoni;

12) 'tqegħid fis-suq': tfisser li tipprovdi jew li tagħmel disponibbli lil terzi, kemm bi ħlas jew mingħajr ħlas. L-importazzjoni għandha titqies bħala tqegħid fis-suq;

[…]

21) 'sustanza notifikata': tfisser sustanza li għaliha tkun ġiet preżentata notifika u li tkun tista' titqiegħed fis-suq skond id-Direttiva 67/548/KEE [tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 1967 rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikoluż (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 1, p. 27)]".

7 L-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament, bit-titolu "Ebda data, ebda suq", jipprevedi:

"Suġġett għall-Artikoli 6, 7, 21 u 23, is-sustanzi waħedhom, fi preparati jew f'oġġetti ma għandhomx jiġu manifatturati fil-Komunità jew imqegħdin fis-suq sakemm ma jkunux ġew reġistrati skond iddispożizzjonijiet relevanti ta' dan it-Titolu fejn dan ikun meħtieġ."

8 L-Artikolu 6 tal-imsemmi regolament intitolat “Obbligu ġenerali sabiex ikunu reġistrati sustanzi waħedhom jew fi preparati”, jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

“Ħlief fejn dan ir-Regolament jgħid mod ieħor, kull manifattur jew importatur ta’ sustanza, waħidha jew fi preparat wieħed jew aktar, fi kwantitajiet ta’ tunnellata metrika jew aktar kull sena għandu jippreżenta reġistrazzjoni lill-Aġenzija [Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi].”

9 L-Artikolu 7 ta’ dan ir-regolament, intitolat “Reġistrazzjoni u notifika ta’ sustanzi f’oġġetti” fil-paragrafu 1 tiegħu jipprevedi:

“Kull produttur jew importatur ta’ oġġetti għandu jippreżenta reġistrazzjoni lill-Aġenzija għal kull sustanza li jkun hemm f’dawk l-oġġetti, jekk ikunu sodisfatti ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) is-sustanza tkun preżenti f’dawk l-oġġetti fi kwantitajiet li jikkostitwixxu total ta’ aktar minn tunnellata metrika kull produttur jew importatur kull sena;

(b) is-sustanza tkun intiża li tiġi rilaxxata taħt kondizzjonijiet ta’ l-użu li jkunu normalment jew raġonevolment prevedibbli.

Il-preżentazzjoni għal reġistrazzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-ħlas meħtieġ skond it-Titolu IX.”

10 L-Artikolu 21 ta’ dan ir-regolament intitolat “Il-manifattura u l-importazzjoni ta’ sustanzi”, fil-paragrafu 1 tiegħu jipprevedi:

“Reġistrant jista’ jibda jew ikompli l-manifattura jew l-importazzjoni ta’ sustanza, jew il-produzzjoni jew l-importazzjoni ta’ oġġett, jekk ma jkunx hemm indikazzjoni għall-kuntrarju mill-Aġenzija skond l-Artikolu 20(2) fi żmien 3 ġimgħat wara d-data tal-preżentazzjoni, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 27(8).

Fil-każ ta’ reġistrazzjonijiet ta’ sustanzi ta’ introduzzjoni gradwali, tali reġistrant jista’ jkompli bil-manifattura jew l-importazzjoni tas-sustanza, jew bil-produzzjoni jew l-importazzjoni ta’ oġġett, jekk ma jkun hemm ebda indikazzjoni għall-kuntrarju mill-Aġenzija skond l-Artikolu 20(2) fit-tliet ġimgħat wara d-data tal-preżentazzjoni jew jekk preżentata fil-perjodu ta’ xahrejn qabel l-iskadenza tat-terminu perentorju relevanti ta’ l-Artikolu 23, jekk ma jkun hemm ebda indikazzjoni għall-kuntrarju mill-Aġenzija skond l-Artikolu 20(2) fit-tliet xhur minn dik l-iskadenza, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 27(8).

Fil-każ ta’ aġġornament ta’ reġistrazzjoni skond l-Artikolu 22 reġistrant jista’ jkompli l-manifattura jew l-importazzjoni tas-sustanza, jew il-produzzjoni jew importazzjoni ta’ l-oġġett jekk ma jkunx hemm indikazzjoni għall-kuntrarju mill-Aġenzija skond l-Artikolu 20(2) fit-3 ġimgħat wara d-data ta’ l-aġġornament, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 27(8).”

11 L-Artikolu 23 tal-imsemmi regolament, intitolat “Dispożizzjonijiet speċifiċi għal sustanzi ta’ introduzzjoni gradwali”, huwa redatt kif ġej:

“1. L-Artikolu 5, l-Artikolu 6, l-Artikolu 7(1), l-Artikolu 17, l-Artikolu 18 u l-Artikolu 21 ma għandhomx japplikaw sa l-1 ta’ Diċembru 2010 għas-sustanzi li ġejjin:

(a) sustanzi ta’ introduzzjoni gradwali klassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni, tal-Kategorija 1 jew 2, skond id-Direttiva 67/548/KEE u manifatturati fil-Komunità jew importati, fi kwantitajiet li jilħqu tunnellata metrika jew aktar fis-sena kull manifattur jew kull importatur, mill-inqas darba wara l-1 ta’ Ġunju 2007;

(b) sustanzi ta' introduzzjoni gradwali klassifikati bħala tossiċi ħafna għall-organiżmi akkwatiċi li jistgħu jikkaġunaw effetti ħżiena għal perjodu twil fl-ambjent akkwatiku (R50/53) skond id-Direttiva 67/548/KEE, u manifatturati fil-Komunità jew importati fi kwantitajiet li jilħqu l-100 tunnellata metrika jew aktar fis-sena kull manifattur jew kull importatur, mill-inqas darba wara l-1 ta' Ġunju 2007;

(ċ) sustanzi ta' introduzzjoni gradwali manifatturati fil-Komunità jew importati, fi kwantitajiet li jilħqu 1 000 tunnellata metrika jew aktar fis-sena kull manifattur jew kull importatur, mill-inqas darba wara l-1 ta' Ġunju 2007.

2. L-Artikolu 5, l-Artikolu 6, l-Artikolu 7(1), l-Artikolu 17, l-Artikolu 18 u l-Artikolu 21 ma għandhomx japplikaw sa l-1 ta' Ġunju 2013 għal sustanzi ta' introduzzjoni gradwali manifatturati fil-Komunità jew importati, fi kwantitajiet li jilħqu 100 tunnellata metrika jew aktar fis-sena kull manifattur jew kull importatur, mill-inqas darba wara l-1 ta' Ġunju 2007.

3. […], wara l-1 ta' Ġunju 2018.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 sa 3, tista' tiġi preżentata reġistrazzjoni fi kwalunkwe żmien qabel l-iskadenza relevanti.

5. Dan l-Artikolu għandu japplika wkoll għal sustanzi reġistrati taħt l-Artikolu 7 adattat kif meħtieġ."

12 Skont l-Artikolu 28 tar-Regolament REACH, intitolat "L-obbligu ta' pre-reġistrazzjoni għal sustanzi ta' introduzzjoni gradwali":

"1. Sabiex igawdi mir-reġim transizzjonali previst fl-Artikolu 23 kull reġistrant potenzjali ta' sustanza ta' introduzzjoni gradwali fi kwantitajiet ta' tunnellata metrika jew aktar fis-sena, anke mingħajr intermedji ta' limitazzjoni, għandu jippreżenta l-informazzjoni kollha li ġejja lill-Aġenzija:

[…]

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi preżentata f'perjodu ta' żmien li jibda fl-1 ta' Ġunju 2008 u jispiċċa fl-1 ta' Diċembru 2008.

3. Ir-reġistranti li ma jippreżentawx l-informazzjoni meħtieġa taħt il-paragrafu 1 ma għandhomx ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-Artikolu 23.

[…]"

13 L-Artikolu 31 ta' dan ir-regolament, intitolat "Rekwiżiti għal skedi ta' data ta' sigurtà", fil-paragrafu 5 tiegħu jipprevedi:

"L-iskeda ta' data ta' sigurtà għandha tingħata f'lingwa uffiċjali ta' l-Istat jew Stati Membri fejn is-sustanza jew preparat jitqiegħdu fis-suq, sakemm l-Istat jew Stati Membri konċernati ma jipprovdux mod ieħor."

14 L-Artikolu 112 tal-imsemmi regolament, intitolat "Il-kamp ta' applikazzjoni", li jidher taħt it-Titolu XI tiegħu, imsemmi "Inventarju tal-klassifikazzjoni u ta' l-ittikkettar", jipprevedi:

"D[a]n it-Titolu għandu japplika għal:

[…]

(b) sustanzi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 67/548/KEE, li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala perikoluż skont dik id-Direttiva, u li jitqiegħdu fis-suq jew waħidhom, jew fi preparat 'il fuq mil-limiti ta' konċentrazzjoni speċifikati fid-Direttiva 1999/45/KE, fejn relevanti, li tirriżulta fil-klassifikazzjoni tal-preparat bħala perikoluż."

15 Skont l-Artikolu 126 tar-Regolament REACH, intitolat "Penali għan-nuqqas ta' konformità":

"L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet dwar il-penali li japplikaw għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li dawn ikunu implementati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. […]"

16 L-Artikolu 129 ta' dan ir-regolament, intitolat "Dispożizzjoni ta' salvagwardja", fil-paragrafi 2 u 3 tiegħu, jipprevedi:

"2. Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni konformement mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 133(3) fi żmien 60 jum minn meta tirċievi l-informazzjoni mill-Istat Membru. Id-deċizjoni għandha:

(a) tawtorizza l-miżura provviżorja għal perjodu ta' żmien definit fid-deċiżjoni; jew

(b) titlob lill-Istat Membru li jħassar il-mizura provviżorja.

3. Jekk, f'każ ta' deċiżjoni kif imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 2, il-miżura provviżorja meħuda mill-Istat Membru tikkonsisti f'restrizzjoni tat-tqegħid fis-suq jew ta' l-użu ta' sustanza, l-Istat Membru konċernat għandu jibda l-proċedura Komunitarja ta' restrizzjoni billi jippreżenta lill-Aġenzija dossier, konformement ma' l-Anness XV, fi żmien 3 xhur mid-data tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni."

17 L-Anness XV tar-Regolament REACH jiddefinixxi, skont kliemu stess, il-prinċipji ġenerali għall-preparazzjoni ta' dossiers li jipproponu u jiġġustifikaw, b'mod partikolari, ir-restrizzjonijiet tal-manifattura, tat-tqegħid fis-suq jew ta' użu ta' sustanza fil-Komunità.

Id-dritt Ġermaniż

18 Il-Gesetz zum Schutz vor gefährlichen Stoffen (Chemikaliengesetz) (liġi dwar il-protezzjoni minn sustanzi perikolużi, imsejħa liġi dwar il-prodotti kimiċi), kif emendata bl-Avviż Uffiċjali tat-28 ta' Awwissu 2013 (BGBl. I, p. 3498, 3991), tipprevedi, fl-Artikolu 27b, intitolat "Ksur tar-Regolament [REACH]", li "[p]ersuna tista' tiġi kkundannata sa sentejn priġunerija jew tingħata multa jekk tikser ir-Regolament [REACH]".

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

19 J. Pinckernelle jikkummerċjalizza prodotti kimiċi.

20 Wara l-1 ta' Diċembru 2008, huwa importa miċ-Ċina ta' mill-inqas 19.4–il tunnellata ta' sulfat tan-nikotina mingħajr reġistrazzjoni minn qabel meħtieġa b'applikazzjoni tal-Artikolu 28 tar-Regolament REACH.

21 Peress li J. Pinckernelle ma wettaqx ir-reġistrazzjoni ta' dan il-prodott b'applikazzjoni tal-Artikolu 6 ta' dan ir-regolament, il-belt ta' Hamburg iddeċidiet li huwa kellu d-dritt li juża l-imsemmi prodott jew li jqiegħdu fis-suq biss wara li jkun kiseb awtorizzazzjoni għall-użu intiż.

22 J. Pinckernelle talab l-awtorizzazzjoni sabiex jesporta dan il-prodott fir-Russja, talba li l-belt ta' Hamburg, permezz ta' deċiżjoni tad-29 ta' Ġunju 2009, irrifjutat, fid-dawl tal-fatt li dan tal-aħħar kien illegalment f'Hamburg. Il-belt ta' Hamburg ċaħdet ukoll l-ilment ta' J. Pinckernelle indirizzat kontra din id-deċiżjoni ta' rifjut.

23 Konsegwentement, J. Pinckernelle adixxa l-Verwaltungsgericht Hamburg (qorti amministrattiva ta' Hamburg, il-Ġermanja) b'rikors kontra dan l-ilment, li ma ntlaqax minn din il-qorti.

24 Permezz ta' appell li ġie ppreżentat minn J. Pinckernelle, l-Oberverwaltungsgericht (qorti amministrattiva superjuri, il-Ġermanja), fil-25 ta' Frar 2014, annullat is-sentenza tal-Verwaltungsgericht Hamburg (qorti amministrattiva ta' Hamburg) u imponiet fuq il-belt ta' Hamburg l-obbligu li tawtorizza lil J. Pinckernelle sabiex ikun jista' jwettaq l-esportazzjoni mitluba tas-sulfat tan-nikotina.

25 L-Oberverwaltungsgericht (qorti amministrattiva superjuri) immotivat is-sentenza tagħha billi kkunsidrat li, fi kwalunkwe każ, l-esportazzjoni intiża ta' sustanza importa bi ksur tal-Artikolu 5 tar-Regolament REACH ma setgħetx imbagħad tikkostitwixxi ksur ġdid tad-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 3(12) u tal-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament, jekk is-sustanza inkwistjoni ma kinitx, bħal f'dan il-każ, fis-suq Ewropew minħabba projbizzjoni ta' użu.

26 Il-belt ta' Hamburg ippreżentat appell quddiem il-Bundesverwaltungsgericht (qorti amministrattiva federali, il-Ġermanja) kontra din is-sentenza. Hija ssostni li l-Artikolu 5 tar-Regolament REACH jipprojbixxi l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi ta' sustanzi li jinsabu fit-territorju tal-Unjoni, bħala u sa fejn dawn ma jkunux irreġistrati konformement għal dan ir-regolament.

27 Indipendentement minn dan il-kontenut amministrattiv, J. Pinckernelle ġie kkundannat, fil-kuntest ta' proċedura kriminali fil-Ġermanja, għal piena ta' priġunerija ta' 18-il xahar, sospiża b'perijodu ta' probation ta' tliet snin u għal multa ta' EUR 340 000, minħabba, b'mod partikolari, li huwa wettaq importazzjonijiet ta' sustanzi kimiċi bi ksur tal-Artikolu 5 tar-Regolament REACH.

28 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesverwaltungsgericht (qorti amministrattiva federali) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 5 tar-Regolament REACH għandu jiġi interpretat fis-sens li, bla għall-Artikoli 6, 7, 21 u 23 ta' dan ir-regolament, sustanzi ma jistgħux jiġu esportati barra mit-territorju tal-Unjoni jekk dawn ma jkunux ġew irreġistrati konformement mad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Titolu II tal-istess regolament, fejn dan huwa meħtieġ?"

Fuq id-domanda preliminari

29 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 5 tar-Regolament REACH għandux jiġi interpretat fis-sens li s-sustanzi li ma ġewx irreġistrati matul l-importazzjoni tagħhom fit-territorju tal-Unjoni konformement ma' dan ir-regolament jistgħux jiġu esportati barra minn dan it-territorju.

30 B'hekk, ir-risposta għal din id-domanda tiddependi mill-portata tal-obbligu ta' reġistrazzjoni previst minn din id-dispożizzjoni.

31 F'dan ir-rigward, konformement ma' ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex tingħata interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss it-termini tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li tifforma parti minnha (sentenza tas-17 ta' Marzu 2016, Liffers, Rosselle, C-99/15, EU:C:2016:173, punt 14 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 Fir-rigward tal-kliem tal-Artikolu 5 tar-Regolament REACH, għandu jiġi rrilevat li, fil-verżjonijiet ta' din id-dispożizzjoni fil-lingwa Bulgara, Estoni, Griega, Ingliża, Franċiża, Taljana, Olandiża, Pollakka, Portugiża u Finlandiża, l-espressjoni "fil-komunità" hija marbuta espressament mal-manifattura ta' sustanzi. Min-naħa l-oħra, fil-verżjonijiet fil-lingwa Ċeka, Daniża, Latvjana, Ungeriża, Rumena, Slovakka, Slovena u Svediża tal-Artikolu 5 tar-Regolament REACH, l-espressjoni "fil-Komunità" tirrelata mal-manifattura u tqegħid fis-suq ta' sustanzi. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-verżjonijiet fil-lingwa Spanjola, Ġermaniża u Litwana tal-imsemmi artikolu huma ambigwi.

33 Ukoll, filwaqt li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5 tar-Regolament REACH skont liema l-espressjoni "fil-Komunità" tirrelata kemm mal-manifattura kif ukoll mat-tqegħid fis-suq ta' sustanzi mhix esklużа fir-rigward tal-assjem ta' verżjonijiet lingwistiċi ta' din id-dispożizzjoni, l-interpretazzjoni skont liema l-imsemmija dispożizzjoni tirreferi esklużivament għall-manifattura ta' dawn is-sustanzi tmur kontra għall-kliem tal-imsemmija dispożizzjoni fil-lingwa Ċeka, Daniża, Ungeriża, Rumena, Slovakka, Slovena u Svediża.

34 F'dak li jirrigwarda l-kuntest li fih tinsab id-dispożizzjoni inkwistjoni, għandu jitfakkar li l-Artikolu 3(12) tar-Regolament REACH jiddefinixxi it-"tqegħid fis-suq" bħala l-fatt li jiġi pprovdut prodott jew li jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' terz, kemm bi ħlas jew mingħajr ħlas, u jekwipara kull importazzjoni għal tqegħid fis-suq. Min-naħa l-oħra, din id-dispożizzjoni tipprevedi biss li l-esportazzjoni ta' prodott tista' tiġi ekwiparata għal tqegħid fis-suq.

35 Madankollu, sa fejn l-Artikolu 3(12) tar-Regolament REACH jiddefinixxi, għall-finijiet ta' dan l-istess regolament, il-kunċett ta' "tqegħid fis-suq", dan għandu jinftiehem b'mod uniformi fil-kuntest tal-tal-imsemmi regolament.

36 F'dan ir-rigward, għandu jissemma' l-Artikolu 3(21) tar-Regolament REACH, skont liema wieħed jifhem li "sustanza notifikata" hija sustanza li għaliha tkun ġiet preżentata notifika u li tkun tista' titqiegħed fis-suq konformement mad-Direttiva 67/548. Madankollu, din id-direttiva tipprevedi, fl-Artikolu 1 u 3 tagħha, minn naħa, li timmira lejn l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikoluży li huma mqiegħda fis-suq fl-Istati Membri tal-Komunità, u, min-naħa l-oħra, li hija ma hijiex applikabbli għal sustanzi perikoluży meta dawn jiġu esportati lejn pajjiżi terzi. Minn dan isegwi li t-"tqegħid fis-suq", li għalih jirreferi l-Artikolu 3(21) tar-Regolament REACH, jirrigwarda biss is-suq intern u jeskludi l-esportazzjonijiet barra minnu.

37 Skont l-Artikolu 31(5) tar-Regolament REACH, "L-iskeda ta' data ta' sigurtà għandha tingħata f'lingwa uffiċjali ta' l-Istat jew Stati Membri fejn is-sustanza jew preparat jitqiegħdu fis-suq, sakemm l-Istat jew Stati Membri konċernati ma jipprovdux mod ieħor". B'hekk, din id-dispożizzjoni tqiegħed ukoll it-"tqegħid fis-suq" inkonnessjoni mas-suq intern biss.

38 L-istess japplika għall-Artikolu 112(b) tar-Regolament REACH, li jipprevedi li t-Titolu XI ta' dan ir-regolament huwa, taħt ċerti kundizzjonijiet, applikabbli "sustanzi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 67/548/KEE" jiġifieri s-sustanzi perikoluży li "jitqiegħdu fis-suq fl-Istati Membri tal-Komunità", bl-esklużjoni ta' dawk li huma "esportati lejn pajjiżi terzi".

39 Skont l-Artikolu 129(3) tar-Regolament REACH, jekk fil-każ ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza l-miżuri provviżorji għal perijodu definit, il-miżura provviżorja meħuda mill-Istat Membru tikkonsisti f'restrizzjoni għat-tqegħid fis-suq jew fl-użu ta' sustanza, l-Istat Membru konċernat għandu jibda l-proċedura Komunitarja ta' restrizzjoni billi jippreżenta lill-Aġenzija dossier, konformement mal-Anness XV ta' dan ir-regolament, fi żmien tliet xhur mid-data tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Madankollu, dan l-Anness XV jiddefinixxi l-prinċipji ġenerali għall-preparazzjoni ta' fajls li jipproponu u jiġġustifikaw, b'mod partikolari, restrizzjonijiet li jirrigwardaw il-manifattura, it-tqegħid fis-suq jew

l-użu ta' sustanza fi ħdan il-Komunità. Għaldaqstant, jidher li t-"tqegħid fis-suq" imsemmi fl-Artikolu 129(3) tar-Regolament REACH, tirrigwarda biss dak is-suq intern u ma jkoprix esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi.

40 Fuq dan l-aħħar punt, għandu jiġi enfasizzat li, fil-kuntest tar-Regolament REACH, is-sustanzi li jitilqu mit-territorju tal-Komunità, huma ppreżentati bħala li ma humiex "imqiegħda fis-suq", iżda "esportati". B'hekk, l-Artikolu 2(7)(ċ)(i) ta' dan ir-regolament, jipprevedi li "[l]i ġejjin għandhom jiġu eżentati mit-Titoli II, V u VI: stanzi waħedhom jew fi preparati, reġistrati skond it-Titolu II, esportati mill-Komunità minn attur fil-katina tal-provvista u importati mill-ġdid fil-Komunità mill-istess attur jew attur ieħor fl-istess katina tal-provvista li juri li sustanza li qiegħda tiġi importata mill-ġdid tkun l-istess bħas-sustanza esportata."

41 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, l-esportazzjoni ta' sustanza lejn pajjiżi terzi ma tistax tiġi kklassifikata bħala "tqegħid fis-suq" ta' din is-sustanza, fis-sens tal-Artikolu 3(12) u tal-Artikolu 5 tar-Regolament REACH.

42 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-għanijiet tar-Regolament REACH ma jipprekludux tali interpretazzjoni tal-imsemmija dispożizzjonijiet ta' dan tal-aħħar. Fil-fatt, dan ir-regolament huwa bbażat espliċitament fuq l-Artikolu 95 KE, li sar l-Artikolu 114 TFUE, li d-dispożizzjonijiet tiegħu japplikaw għat-twettiq tal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 14 KE, li sar l-Artikolu 26 TFUE, jiġifieri li jiġi stabbilit jew żgurat il-funzjonament tas-suq intern li jinkludi spazju mingħajr fruntieri interni li fihom tiġi żgurata, b'mod partikolari, il-moviment liberu tal-merkanzija.

43 F'dan il-kuntest, il-premessa 1 tar-Regolament REACH tindika li din tal-aħħar għandha tiżgura, b'mod partikolari, il-moviment liberu tal-merkanzija. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li dan tal-aħħar jirrigwarda s-suq intern (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Marzu 2016, Canadian Oil Company Sweden u Rantén, C-472/14, EU:C:2016:171, punt 32). Skont il-premessa 2 ta' dan ir-regolament, il-funzjonament effikaċi tas-suq intern tas-sustanzi jista' jinkiseb biss jekk ir-rekwiżiti applikabbli għas-sustanzi ma jvarjawx b'mod sinjifikattiv minn Stat Membru għal ieħor. Skont il-premessa 7 tal-imsemmi regolament, sabiex tkun ippreżervata l-integrità tas-suq intern u sabiex ikun żgurat livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem, b'mod partikolari is-saħħa tal-ħaddiema, kif ukoll l-ambjent, jeħtieġ li jiġi żgurat li l-manifattura ta' sustanzi fil-Komunità tikkonforma mad-dritt Komunitarju, anki jekk dawk is-sustanzi jiġu esportati.

44 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li s-suq li jsir riferiment għalih fir-Regolament REACH huwa s-suq intern u li għaldaqstant it-"tqegħid fis-suq" jirrigwarda s-suq intern. Din l-interpretazzjoni ma hijiex kontradetta minn ebda element ta' dan ir-regolament, iktar u iktar, meta jiġi għall-kwistjoni ta' tqegħid fiċ-ċirkulazzjoni ta' sustanzi barra s-suq intern, l-imsemmi regolament jirreferi għall-kunċett ta' esportazzjoni.

45 Il-belt ta' Hamburg u l-Gvern Ġermaniż sostnew li, l-interpretazzjoni tal-kliem "tqegħid fis-suq" li jidher fl-Artikolu 5 tar-Regolament REACH f'dan is-sens jirrigwardaw biss is-suq intern u mhux l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi ta' sustanzi kimiċi mhux irreġistrati waqt l-importazzjoni tagħhom fl-Unjoni, jistgħu joħolqu r-riskju li importaturi mingħajr skrupli xjentement jiksru l-obbligi ta' reġistrazzjoni ta' sustanzi kimiċi imposti mill-Unjoni, billi jafu li jistgħu sempliċiment jesportaw.

46 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, konformement mal-Artikolu 126 tar-Regolament REACH, l-Istati Membri jiddeċiedu s-sistema ta' sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament, li minnhom huwa l-Artikolu 5 li jimponi r-reġistrazzjoni ta' sustanzi, b'mod partikolari meta dawn jiġu importati, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżguraw l-implementazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, is-sanzjonijiet previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

47 F'dan il-każ, għandu jiġi osservat li, kif ġie ppreċiżat fil-punt 18 ta' din is-sentenza, il-leġiżlazzjoni Ġermaniża tipprevedi li kull persuna li tikser ir-Regolament REACH hija punibbli b'piena ta' priġunerija ta' massimu ta' sentejn jew multa.

48 Fl-aħħar nett, kif jirriżulta mill-proċess li għandha għad-dispożizzjoni tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja u, b'mod partikolari, mid-deċiżjoni tar-rinviju, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikorru għad-dispożizzjonijiet tad-dritt amministrattiv nazzjonali sabiex jimponu l-osservanza, tal-obbligu ta' reġistrazzjoni, kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-Artikolu 5 tar-Regolament REACH, ta' sustanza li tkun importata.

49 Inkunsiderazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domanda preliminari għandha tkun li l-Artikolu 5 tar-Regolament REACH, moqri flimkien mal-Artikolu 3(12) ta' dan ir-regolament, għandu jiġi interpretat fis-sens li sustanzi li ma jkunux ġew irreġistrati waqt l-importazzjoni tagħhom fit-territorju tal-Unjoni konformement mal-imsemmi regolament jistgħu jiġu esportati barra dan it-territorju.

Fuq l-ispejjeż

50 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni, moqri flimkien mal-Artikolu 3(12) ta' dan l-istess regolament, għandu jiġi interpretat fis-sens li sustanzi li ma jkunux ġew irreġistrati waqt l-importazzjoni tagħhom fit-territorju tal-Unjoni konformement ma' dan ir-regolament jistgħu jiġu esportati barra dan it-territorju.

Firem